**5 ta' Marzu, 1986**

**Imhallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Paul Vassallo *et*

*versus*

Carmelo Pace

## Inċident Fatali – Danni – Prova – Il-Prinċipju *"Volanti Non Fit Injuria"*

*Il-piż tal-prova ta' dak li hemm allegat fiċ-ċitazzjoni, ċjoè li l-inċident hemm imsemmi ġara minħabba negliġenza u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, jinkombi fuq l-atturi li qegħdin jagħmlu l-imsemmija allegazzjoni u dana in bażi għall-prinċipju legali "incumbit probatio qui dicit non qui negat".*

*Il-Qrati tagħna però fuq l-iskorta ta' awturi Ingliżi eminenti, jagħmlu distinzjoni bejn il-prova li jeħtieġ li ssir f'kawża kriminali u l-prova li għandha ssir f'kawża ċivili fis-sens illi filwaqt illi f'kawża kriminali l-ħtija ta' l-akkużat trid tiġi ppruvata "beyond reasonable doubt", f'kawża ċivili biżżejjed li jkun hemm "moral certainty", ċertezza morali, f'moħħ il-ġudikant iżda mhux biżżejjed li jkun hemm "a mere possibility".*

*Din iċ-ċertezza morali għandha tiġi bbażata fuq fatti ppruvati bi provi espressi u fuq l-inferenzi li naturalment u probabilment jemerġu minn dawn il-fatti. Iċ-ċertezza morali, rikjesta f'kawżi ċivili, hija l-effett tal-"balance of probabilities".*

*Il-Qorti qiegħda tagħmel enfasi mill-ewwel fuq l-imsemmija distinzjoni billi trid turi li f'kawża ċivili l-"approval" għall-valutazzjoni tal-provi trid tkun differenti minn kawża kriminali; dan apparti l-prinċipju bażilari stabbilit mil-liġi stess illi l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili huma indipendenti minn xulxin.*

*Il-konvenut qiegħed jinvoka favur tiegħu l-prinċipju legali "volenti non fit injuria" u qiegħed jissottometti li l-atturi m'għandhomx dritt għad-danni billi meta Margaret Vassallo marret tinnamra mal-konvenut fil-karrozza tiegħu mhux 'il bogħod mix-xifer tal-baħar hija kienet taf x'riskju seta' kien hemm involut u bl-aġir tagħha assumiet l-istess riskju.*

*Huwa evidenti li fil-każ preżenti żgur ma jistax jingħad li kien hemm*

*xi ftehim espress bejn Margaret Vassallo u l-konvenut li hija tieħu r-riskju fuq imsemmi. Lanqas, fil-fehma tal-Qorti, ma kien hemm xi ftehim taċitu biex tassumi l-imsemmi riskju. Biex ikun hemm dan il-ftehim taċitu jeħtieġ li jiġi ppruvat li Margaret Vassallo kellha xjenza pjana tan-natura u estensjoni tar-riskju li kienet qiegħda tassumi u li jiġi ppruvat ukoll li meta assumiet ir-riskju hija għamlet dan bil-ftehim li r-riskju jaqa' fuqha u mhux fuq ħaddieħor, u dan għaliex il-massima hija "volanti non fit injuria" u mhux "scienti non fit injuria".*

*Fil-każ preżenti mid-deposizzjoni ta' l-istess konvenut li hija ma riedet tassumi ebda riskju u għalhekk ċertament ma jistax jingħad li hija kienet "volanti" u kwindi l-massima fuq iċċitata ma tistax tiġi invokata mill-konvenut.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew illi fis-6 ta' Awissu, 1980, għall-ħabta tad-9.15 p.m. ġo Barriera Wharf, il-Belt Valletta, il-karrozza *Honda Civic* Numru T – 2239, proprjetà tal-konvenut, li kienet wieqfa fejn xatt il-baħar, imxiet bil-mod il-mod lejn il-baħar fejn waqgħet u nqalbet u minnha Margaret Vassallo, l-għarusa tal-konvenut, ittelgħet mejta; illi l-konvenut kien qiegħed wara d-"*driving wheel*" u Margaret Vassallo kienet bil-qiegħda fis-*seat* ta' ħdejh; u illi l-inċident ġara minħabba negliġenza u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, li baqa' ma kkumpensax lill-istanti għad-danni mġarrba minnhom bi ħtija tiegħu; talbu (1) illi jiġi ddikjarat li l-inċident ġara minħabba imprudenza, negliġenza u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut; (2) illi jiġu llikwidati d-danni kollha sofferti mill-atturi; u (3) illi l-konvenut jiġi kkundannat iħallashom l-ammont iddikjarat bħala dovut in linea ta' danni, bl-imgħax legali mid-

data tas-sentenza;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha qal illi d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, *stante* li huwa b'ebda mod ma kien responsabbli jew ikkontribwixxa għad-danni;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Awissu, 1984 li biha, prevja adozzjoni tar-relazzjoni peritali, kif immodifikata dwar il-likwidazzjoni tad-danni, laqgħet id-domandi ta' l-atturi fis-sens li (1) iddikjarat lill-konvenut unikament responsabbli għall-inċident imsemmi fil-korp ta' dik is-sentenza (2) illikwidat id-danni sofferti mill-atturi bħala riżultat ta' l-istess inċident fl-ammont ta' Lm7500 (sebat elef ħames mitt lira) u (3) ikkundannat lill-konvenut iħallas dan l-ammont lill-atturi, bil-imgħax legali mid-data ta' l-istess sentenza, l-ispejjeż jitħallsu kollha mill-konvenut, wara li kkunsidrat:

*Omissis;*

Illi dwar id-danni fl-ewwel lok il-perit illikwida d-danni emerġenti, jew biex wieħed isejħilhom hekk danni attwali, fl-ammont ta' tliet mija u wieħed u erbgħin lira u tmienja u tmenin ċenteżmu (Lm341.88). Id-difensur tal-konvenut ma jidhirx li qed jikkontesta dan l-ammont; u *del resto* l-istess ammont jirriżulta li huwa ġustifikat u korroborat b'irċevuti, u l-Qorti taqbel miegħu għall-istess raġunijiet li ta l-perit ġudizzjarju fil-paragrafi 32 sa 35 tar-rapport;

Fit-tieni lok il-perit illikwida d-danni taħt il-kap tal-*lucrum cessans* fl-ammont ta' Lm9866.66,4, wara li ħa bħala *punto di partenza* s-salarju li kienet taqla' l-mejta fl-ammont ta' Lm1700

fis-sena, ikkalkula żieda ta' Lm200 fis-sena fuq perijodu jew *multiplier* ta' għoxrin sena *(stante* li l-mejta kellha biss 23 sena fiż-żmien ta' l-inċident u kienet fi stat ta' saħħa tajjeb), ikkalkula li kieku baqgħet ħajja kienet *tonfoq nofs* l-*ammont* li kienet tkun daħħlet, u wara li qies il-kontinġenzi kollha kkalkula li l-atturi bħala eredi tagħha kienu jirtu *terz ta' l-ammont* rispjarmat mid-*decujus*. Fl-aħħarnett peress li issa l-atturi kienu se jirċievu *lump sum payment,* kif solitu jsir, naqqas kwint ta' dan l-ammont bilanċjali;

*Issa d-difensur* tal-konvenut issottometta li f'dan il-każ ma għandux jiġi kkomputat *il-lucrum cessans,* għaliex *'blood money'* mhux aċċettat mil-liġi, lanqas fil-ġurisprudenza estera. Iżda, apparti ta' dik li tista' tkun il-ġurisprudenza estera, aħna għandha noqogħdu fuq is-sistema legali tagħna. Din il-Qorti, kif illum ippresjeduta, diġà kellha okkażjoni li tesprimi ruħha fuq dan il-punt fil-kawża "Dominic Bartolo *et vs* John Attard *noe*", deċiża fit-28 ta' Marzu, 1983, fejn aċċettat il-prinċipju li f'każijiet analogi għal dak in *eżami*, l-*eredi tal-mejjet* ingħatalhom kumpens. Huwa veru li dawn il-kwalità ta' danni huma rimessi għad-diskrezzjoni tal-Qorti, minn dak li jgħid l-artikolu 1089 tal-Kodiċi Ċivili, iżda l-Qorti jidhrilha li f'dan il-każ għandha tuża dik id-diskrezzjoni favur l-eredi tal-mejta tenut taċ-ċirkostanzi kollha;

Dwar l-ammont tad-danni llikwidati taħt dan il-kap, il-Qorti taqbel mal-mod kif il-perit għamel il-komputazzjonijiet tiegħu, li huma identiċi għal dawk segwiti mill-Qorti fil-kawża fuq iċċitata, però konformement ma' dak li ntqal f'dik il-kawża taż-żiedet m'għandhiex tkun aktar minn Lm2 fil-ġimgħa. Dan ifisser li d-*decujus* kienet possibilment iddaħħal medja ta' salarju ta' Lm2688 fis-sena; li fuq perijodu ta' 20 sena jġiebu għal introjtu

potenzjali ta' Lm53760, u wara li jsiru l-kalkoli kollha (kif għamel il-perit) jiġi għal kumpens nett ta' **Lm7168**;

Għaldaqstant, id-danni totali li għandu jirrispondi għalihom il-konvenut iġibu għall-ammont ta' Lm7168 + Lm341.88, jiġifieri total ta' Lm7509.88 (li jiġu arrotondati għal **Lm7500**);

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut ippreżentata fis-6 ta' April, 1984;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess konvenut li biha għar-raġunijiet hemm sottomessi talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-atturi ppreżentata fil-11 ta' Mejju, 1984 li biha, għar-raġunijiet hemm sottomessi talbu li l-appell jiġi respint bl-ispejjeż u li biha wkoll inqdew mill-appell tal-konvenut sabiex bis-saħħa ta' l-artikolu 238 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 15) jinterponu appell inċidentali quddiem din il-Qorti fuq il-mod kif l-ewwel Onorabbli Qorti waslet għall-*quantum* tad-danni u għar-raġunijiet hemm esposti talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi modifikata fis-sens li d-danni taħt il-*lucrum cessans* jiġu kkalkolati b'rati superjuri minn dik ta' żewġ liri fil-ġimgħa adottata mill-ewwel Qorti u dan fuq *multiplier period* li għandu jeċċedi b'mod realistiku l-għoxrin sena addottat ukoll mill-Onorabbli Qorti tal-Prim'Istanza u dan kollu fil-waqt li l-istess sentenza tiġi kkonfermata fil-kumplament tagħha kollha bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellant;

Rat l-atti kollha tal-kawża rilevanti u opportuni;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Il-piż tal-prova ta' dak li hemm allegat fiċ-ċitazzjoni, ċjoè li l-inċident hemm imsemmi ġara minħabba negliġenza u nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, jinkombi fuq l-atturi li qegħdin jagħmlu l-imsemmija allegazzjoni u dana in bażi għall-prinċipju legali *"Ei incumbit probatio qui dicit non ei qui negat"*. Il-Qrati tagħna però, fuq l-iskorta ta' awturi Ingliżi eminenti, jagħmlu distinzjoni bejn il-prova li jeħtieġ li ssir f'kawża kriminali u l-prova li għandha ssir f'kawża ċivili fis-sens illi filwaqt illi f'kawża kriminali l-ħtija ta' l-akkużat trid tiġi ppruvata *"beyond reasonable doubt"*, f'kawża ċivili biżżejjed li jkun hemm *"moral certainty"*, ċertezza morali, f'moħħ il-ġudikant iżda mhux biżżejjed li jkun hemm *"a mere possibility"*. Din iċ-ċertezza morali għandha tiġi bbażata fuq fatti ppruvati bi provi espressi u fuq l-inferenzi li naturalment u probabilment jemerġu minn dawn il-fatti. Iċ-ċertezza morali, rikjesta f'kawża ċivili, hija l-effett tal-*"balance of probabilities"* (ara Qorti ta' l-Appell, "Zammit *vs* Petrococchino *noe*", 25 ta' Frar, 1952, Kollez. Deċ. Vol. XXXVI.I.319, u Prim'Awla, Qorti Ċivili, Carmelo Borg *proprio et nomine et vs Manager* ta' l-Intrapriża tal-Ħalib", 17 ta' Lulju, 1981, *ineidta);*

Il-Qorti qiegħda tagħmel enfasi mill-ewwel fuq l-imsemmija distinzjoni billi ġew esebiti dokumenti relattivi għall-inkjesta Maġisterjali li saret wara l-inċident in kwistjoni li juru li l-periti f'dik l-inkjesta kienu waslu għall-konklużjoni (u l-Maġistrat Inkwirenti kien qabel magħhom) illi l-inċident in kwistjoni kien dovut għall-*"casus"* u li għalhekk il-konvenut ma kellu l-ebda ħtija, u billi trid turi li f'kawża ċivili (bħal ma hi dik preżenti)

l-*"approach"* għall-valutazzjoni tal-provi jrid ikun differenti u għalhekk l-imsemmija konklużjoni ma għandha bl-ebda mod tinfluwixxi l-proċeduri preżenti – dan apparti l-prinċipju bażilari stabbilit mil-liġi stess illi l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili huma indipendenti minn xulxin;

Ikkunsidrat kwantu għall-kwistjoni ta' responsabbilità:

Kif jidher mill-petizzjoni ta' l-appell tiegħu l-konvenut qiegħed jissottometti fl-ewwel lok illi s-sentenza ta' l-ewwel Qorti m'hix fondata billi dak li ġara kien dovut għal "casus" u għalhekk jinkombi lil din il-Qorti li teżamina l-ewwelnett din is-sottomissjoni fid-dawl tal-provi;

Għandu jingħad mal-ewwel f'dan ir-rigward li min jallega li dak li ġara kien dovut għall-*"inevitable accident"* bħal ma qed jagħmel il-konvenut f'dan il-każ, fejn qed jgħid li dak li ġara kien dovut għal *"casus"* għandu l-obbligu li jippruvah. Dan il-prinċipju huwa ormai paċifiku fil-ġurisprudenza nostrali u ġie meħud mid-dottrina u ġurisprudenza Ingliża. Hekk, per eżempju, l-awtur Charlesworth, *The Law of Negligence,* paġna 512, josserva: *"The burden of proof of inevitable accident is upon the defendant or the other person setting it up"*;

Din il-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa l-provi, ma tarax li tista' tgħid li ġie ppruvat lilha b'dik iċ-ċertezza morali li jeħtieġ li jkollha skond ma ngħad fuq li dak li ġara kien dovut għal *"inevitable accident"*. Infatti jirriżulta mid-deposizzjoni ta' l-istess konvenut;

*Omissis;*

Għalhekk il-Qorti tirritjeni li l-inċident ġara minħabba n-nuqqas ta' prekawzjoni da parti tal-konvenut li kien responsabbli għall-karrozza;

Ikkunsidrat:

Il-konvenut qiegħed jinvoka favur tiegħu l-prinċipju legali *"volanti non fit injuria"*, u qiegħed jissottometti li l-atturi m'għandhomx dritt għad-danni billi meta Margaret Vassallo marret innamra mal-konvenut fil-karrozza tiegħu mhux 'il bogħod mix-xifer tal-baħar, hija kienet taf x'riskju seta' kien hemm involut u bl-aġir tagħha assumiet l-istess riskju;

B'riferenza għall-imsemmi prinċipju *"volenti non fit injuria"*, iċ-Charlesworth, *"Law of Neligence"*, paġna 498, josserva: *"A person who makes an agreement with another, either expressly or by implication, to bun the risk of injury caused by that other, cannot recover for damage caused to him by any of the risks he agreed to run"*;

Huwa evidenti li fil-każ preżenti żgur ma jistax jingħad li kien hemm xi ftehim espress bejn Margaret Vassallo u l-konvenut li hija tieħu r-riskju fuq imsemmi. Lanqas, fil-fehma tal-Qorti, ma kien hemm xi ftehim taċitu biex tassumi l-imsemmi riskju. Biex ikun hemm dan il-ftehim taċitu jeħtieġ li jiġi ppruvat li Margaret Vassallo kellha xjenza pjena tan-natura u estensjoni tar-riskju li kienet qiegħda tassumi u li jiġi ppruvat ukoll li meta assumiet ir-riskju, hija għamlet dan bil-ftehim li r-riskju jaqa' fuqha u mhux fuq ħaddieħor, u dan għaliex il-massima hija *"volanti non fit injuria"* u mhux *"scienti non fit injuria"*. Kif jgħid iċ-Charlesworth *op. cit.* paġna 498: .....*the first point is that the Courts will not find the existence of an implied agreement*

*unless the person who is alleged to have made it had full knowledge of the nature and extent of the risk to be run. The other point is that although plaintiff had full knowledge of the nature and extent of the risk and, with that knowledge, in fact incurred it, he will not be prevented from recovering unless the circumstances are such as to show that in incurring the risk he did it on the terms that the loss should fall on him and not on some other person. This is because, as has often been pointed out, the maxim is ''volenti non fit injuria'' and not ''scienti non fit injuria''. Knowledge of the risk is therefore only one of the elements which has to be taken into account in deciding whether the inference that the plaintiff agreed to take the risk upon himself can be drawn'';*

Fil-każ preżenti jirriżulta mid-deposizzjoni ta' l-istess konvenut li huwa waqqaf il-karrozza tiegħu bogħod mix-xifer ''tal-minimu ta' karrozza għaliex Margaret kienet tgħidli ma noqgħodx max-xifer''. Dan juri ċar li hija ma riedet tassumi ebda riskju billi jieqfu ħdejn ix-xifer u għalhekk ċertament ma jistax jingħad li hija kienet ''volenti'' u kwindi l-massima fuq iċċitata ma tistax tiġi invokata mill-konvenut;

Ikkunsidrat kwantu għall-*quantum* tad-danni:

Skond is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-kawża ''Butler *vs* Heard'' fit-22 ta' Diċembru, 1969 u minn dik in-nhar kostantement segwita fil-likwidazzjoni tad-danni ta' din ix-xorta, din il-Qorti kienet approvat bħala metodu sostanzjalment ġust u prattiku fil-każ ta' danni minħabba inkapaċità permanenti li jitqies f'kemm il-qliegħ ikun naqas, ikkonsiderati wkoll il-prospettivi li d-danneġġat kellu u dawk il-possibbli kontinġenzi li setgħu jinfluwixxu fuq il-qliegħ, u dak it-telf jiġi immultiplikat

għal numru ta' snin, meħud rigward ta' l-età u stat tas-saħħa tad-danneġġat. In-numru ta' snin adottat bħala "*multiplier*" m'għandux ikun ibbażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġat *iżda fuq l-aspettattiva tal-ħajja lavorattiva* tiegħu u għalhekk jittieħdu in konsiderazzjoni ċ-"*chances and changes*" tal-ħajja. Il-fatt li d-danni jitħallsu f'daqqa taħt forma ta' kapital hija wkoll ċirkostanza importanti li għandha tittieħed in konsiderazzjoni bħala raġuni ta' moderazzjoni u għandu jingħad li *f'diversi* kawżi tnaqqset mill-Qrati tagħna kwint mis-*somma* stabbilita bil-metodu ta' likwidazzjoni fuq imsemmi;

L-istess metodu ta' likwidazzjoni ta' danni ġie wkoll segwit fil-każ ta' likwidazzjoni ta' danni f'omiċidju involontarju, li huwa appuntu *l-każ preżenti*, b'*dan però* li jiġi mnaqqas ukoll persentaġġ ieħor mis-somma għal dak li l-mejjet kien jonfoq fuqu nnifsu kieku baqa' ħaj;

Il-Qorti hi tal-fehma li anke fil-każ preżenti għandu jiġi *segwit* l-*imsemmi* metodu ta' likwidazzjoni;

Ikkunsidrat:

Sija l-konvenut kif ukoll l-atturi qegħdin jappellaw a rigward tal-likwidazzjoni tad-danni magħmula mill-ewwel Qorti. L-appell ta' l-atturi, kif ikkonċepit, huwa limitat billi l-atturi fl-appell inċidentali tagħhom talbu speċifikament li s-sentenza appellata tiġi modifikata fis-sens li r-rata ta' żewġ liri fil-ġimgħa fuq imsemmija akkordata mill-ewwel Qorti bħala żieda tiġi awmentata u fis-sens ukoll li l-*multiplier* adottat mill-ewwel Qorti ta' *għoxrin sena għandu jiġi wkoll miżjud*;

Il-Qorti, wara li qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ, u b'mod

speċjali l-fatturi fuq imsemmija fis-sentenza Butler *vs Heard*, fosthom il-fattur taċ-''*chances and changes of life*'', ma tarax li għandha taċċetta l-imsemmija talbiet. Il-''*multiplier*'' ta' għoxrin sena adottat mill-ewwel Qorti huwa wieħed mill-''*multipliers*'' l-iktar għoljin li qatt adottaw il-Qrati tagħna u ż-żieda ta' żewġ liri fil-ġimgħa hija altru li biżżejjed. Għalhekk l-imsemmi appell inċidentali huwa infondat;

Kwantu mbagħad għall-appell prinċipali, il-konvenut, li qed jitlob ir-revoka tas-sentenza appellata, qiegħed, kif jidher mill-petizzjoni tiegħu, jippretendi li f'dan il-każ ma hemmx *lucrum cessans*. In sostenn ta' din is-sottomissjoni tiegħu huwa qiegħed jissottometti li d-*decujus* kienet xebba li ma kienet tikkontribwixxi xejn għall-familja, li kienet waslet għaż-żwieġ mal-konvenut u li kieku baqgħet ħajja, x'aktarx li ftit wara ż-żwieġ tagħha, kienet tieqaf mix-xogħol u l-werrieta tagħha kienu jkunu l-konvenut (allura żewġha) u uliedhom;

Il-Qorti tosserva f'dan ir-rigward li mhux preċiż il-konvenut meta jgħid li d-*decujus* ma kienet tikkontribwixxi xejn lill-familja, ċjoè lill-atturi, billi mid-deposizzjoni ta' l-attur jirriżulta li kienet tikkontribwixxi s-somma ta' tletin lira Maltija (Lm30) fix-xahar. Jista' jiżdied ukoll li skond il-liġi tagħna (artikolu 1089, Kodiċi Ċivili) d-danni f'każ ta' mewt għandhom jiġu mħallsa lill-eredi tad-*decujus* u f'dan il-każ eredi tad-*decujus* fil-mument tal-mewt tagħha – u dak hu l-mument rilevanti għall-finijiet tal-fissazzjoni tad-danni – huma l-atturi. Iċ-ċirkostanza tad-dipendenza hija fattur li jista' jittieħed fil-konsiderazzjoni ta' l-ammont imma m'hix kondizzjoni biex id-danni jingħataw (Appell, Zammit vs Bezzina, 19 ta' Settembru, 1973);

Il-Qorti, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha, u b'mod speċjali

l-fatt li d-*decujus* kienet sejra tiżżewweġ u l-probabilità kienet li b'dan il-kambjament fil-ħajja tagħha aktarx kien ikun hemm perijodu meta tkun qiegħda okkupata trabbi familja u għalhekk ma tkunx tista' taħdem jew ma tkunx tista' taħdem *"full-time"*, u anke wara li qieset li d-*decujus* kellha l-età ta' tlieta u għoxrin sena meta mietet, hi tal-fehma li *multiplier* ta' ħmistax-il sena għandu jkun adegwat. Il-Qorti hija wkoll tal-fehma li għandha fiċ-ċirkostanzi taċċetta żieda ta' mitt lira fis-sena fis-salarju tad-*decujus* ta' elf u seba' mitt lira Maltija (Lm1700) u kwindi għandu jittieħed bħala bażi għall-kalkolu tal-kumpens il-koaċerv ta' elfejn u erba' mitt lira Maltija (Lm2400), fis-sena għall-imsemmi perijodu ta' ħmistax-il sena;

L-ewwel Qorti aċċettat is-sottomissjoni tal-perit legali illi d-*decujus* kienet tikkonsma nofs l-ammont li kienet taqla' għall-ħtiġijiet tagħha. Din il-Qorit, però, wara li qieset iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hi tal-fehma li għandha tiddisturba din il-konklużjoni u minflok tirritjeni li d-*decujus* kienet tikkonsma tliet kwarti (3/4) ta' l-ammont li kienet taqla';

Għar-raġunijiet fuq imsemmija u a bażi tal-metodu ta' likwidazzjoni segwit fil-kawża fuq iċċitata Butler *vs* Heard, il-Qorti tillikwida l-*lucrum cessans* b'dan il-mod:

Sitta u tletin elf lira Maltija, ċjoè elfejn erba' mitt lira Maltija fis-sena għall-ħmistax-il sena...Lm36,000.0;

Naqqas tliet kwarti mill-istess somma għall-konsum personali tal-mejta, jiġifieri sebgħa u għoxrin elf lira Maltija........................................Lm27,000.00.0

Jibqa'...............................................Lm9,000.00,0

Naqqas kwint mill-istess bilanċ billi qiegħda ssir *lump sum payment,* jiġifieri elf u tmien mitt lira Maltija ........................................ Lm1,800.00,0

Jibqa' ........................................ Lm7,200.00,0

Ma' l-istess somma ta' Lm7200 għandha tiżdied is-somma ta' tliet mija wieħed u erbgħin lira Maltija tmienja u tmenin ċenteżmu (Lm341.88) akkordata mill-ewwel Qorti bħala *dannum emergens* u li dwarhom ma jidher li hemm ebda kontestazzjoni u għalhekk it-total riżultanti jkun ta' sebat elef ħames mija wieħed u erbgħin lira Maltija tmienja u tmenin ċenteżmu (Lm7541.88);

Billi però sejjer jiġi miċħud l-appell inċidentali fuq imsemmi għax ċirkoskritt kif ingħad, u billi din il-Qorti ma tistax tmur oltre dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti, għalhekk tillikwida u tiffissa d-danni dovuti lill-atturi fis-somma ta' sebat elef u ħames mitt lira Maltija (Lm7500) li hija s-somma llikwidata fis-sentenza appellata;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tiċħad l-appell inċidentali bl-ispejjeż kontra l-atturi u billi fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi tiċħad ukoll l-appell prinċipali tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż relattivi kontra l-konvenut.